

II

(Atti mhux leġislattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-22 ta' Novembru 2010

dwar il-konklużjoni tat-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-ađeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea

(2010/726/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217 flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) u (8) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

(1) It-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra, ġie ffirmat fisem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fl-24 ta' Lulju 2007.

(2) Bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea ssostitwixxiet u ssuċċediet lill-Komunità Ewropea.

(3) It-Tieni Protokoll Addizzjonali għandu jiġi konkluż,

Artikolu 1

It-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-ađeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾, huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, fisem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 10 tat-Tieni Protokoll Addizzjonali.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill għandu, fisem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, jagħmel in-notifika li ġejja:

"Bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea ssostitwixxiet u ssuċċediet lill-Komunità Ewropea u minn dik id-data teżerċita d-drittijiet kollha u tassumi l-obbligi kollha tal-Komunità Ewropea. Għalhekk, ir-referenzi għal 'il-Komunità Ewropea' fit-test tal-Protokoll għandhom, fejn ikun il-każ, jinqraw bħala 'l-Unjoni Ewropea'."

⁽¹⁾ ĠU C 263 E, 16.10.2008, p. 149.

⁽²⁾ It-Tieni Protokoll Addizzjonali ġie ppubblikat fil-ĠU L 251, 26.9.2007, p. 2 flimkien mad-Deċiżjoni dwar l-iffirmar. Ġie ppubblikat Procès-verbal ta' Rettifika għat-Tieni Protokoll Addizzjonali fil-verżjoni Spanjola fil-ĠU L 255, 23.9.2008, p. 34.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Novembru 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

C. ASHTON
